# Ir-Riforma tal-Kostituzzjoni ta' Malta

**Blake Camilleri**

**Id: 289284 M**

**L-14 ta' Awwissu 2019**

# Indiċi

1. Introduzzjoni

2. Ir-Raġuni wara l-formazzjoni tal-Kostituzzjoni

2.1 Kostituzzjoni Presidenzjali jew Parlamentari
2.2 Kostituzzjoni Politika jew Legali: il-bżonn ta' sistema mħallta

2. Ir-Rwol tar-Reliġjon fil-Kostituzzjoni u r-relazzjoni mal-Istat: Il-primat lil dak li jagħmel ġid lill-bniedem

3. Konklużjoni: Orjentament Kostituzzjonali

## 1. Introduzzjoni

F'din l-esposizzjoni qasira għandi bħala għan li nelenka l-isfida l-kbira li r-riforma tal-Kostituzzjoni ta' Malta għandha; l-identifikazzjoni tal-'Mument Kostituzzjonali' u l-effett tiegħu. Nipproponi umilment 2 oqsma fejn il-Kostituzzjoni preżenti tista' tiġi mtejba.

## 2. Ir-Raġuni wara l-formazzjoni tal-Kostituzzjoni

Ir-raġuni wara it-tfassil ta' kostituzzjoni kodifikata hija assoċċjata maż-żmien partikulari li fih l-istat beda jeżisti jew ma bidla kbira li tkun seħħet fuq livell nazzjonali. Eżempju ta' dan insibuh f'diversi pajjiżi li wara t-Tieni Gwerra Dinija bidlu l-Kostituzzjoni minħabba l-bidliet politiċi u soċjali li seħħew; l-Italja (1948) u l-Ġermanja (1949). Jekk immorru lura fiż-żmien insibu li l-ewwel Kostituzzjoni, dik tal-Istati Uniti ġiet imfassla wara l-kisba tal-indipendenza mill-Imperu Ingliż ( 1787). L-istess ġara fil-każ ta' Malta meta tfasslet il-Kostituzzjoni minħabba il-kisba tal-Indipendenza (1964).

Dawn il-kostituzzjonijiet twettqu minħabba bidla kemm politika kif ukoll soċjali. It-tnejn imorru flimkien u t-tnejn jagħtu kuntest għall-kitba ta' Kostituzzjoni ġdida. Fil-proċess tat-tfassil tal-bidliet kostituzzjonali importanti li wieħed jidentifka dawn il-mumenti kostituttivi politiċi u soċjali qabel ma titfassal il-kostituzzjoni.

Huwa evidenti li filkaż ta' Malta t-tibdil tal-kostituzzjoni qed jiġi imbutatt minħabba bidliet soċjali aktar milli politiċi u dan jista' jwassal għall-sitwazzjoni unika fejn kostituzzjoni ġdida jew waħda alterata tirrifletti biss bidliet soċjali bħal multikulturaliżmu mingħajr ma jkollha impatt fuq ix-xena politika nazzjonali. Dan jista' joħloq periklu li tinħoloq Kostituzzjoni li tkun wisq flessibli u nieqsa minn sustanza.

Nagħti eżempju prattiku: jista' jkun li s-soċjeta' tħares lejn lis-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja bħala l-mument kostituzzjonali jew aħjar bħala l-bidla fil-politika nazzjonali li bdiet tikkostitwixxi reajalta' ġdida. F'dan il-każ il-kostituzzjoni trid tirrifletti aktar d-dimensjoni Ewropeja l-ġdida fl-oqsma kemm politiċi kif ukoll soċjali. Jekk pero' ma tiġix identifkata sew mill-ewwel d-dimensjoni politika dan jista' jwassal għal kostituzzjoni li tħares biss l;ejn tibdil soċjali mingħajr ma tinkludi l-bidliet politiċi. Fi kliem ieħor, il-fatt li Malta hija membru sħiħ tal- Unjoni Ewropeja u dan huwa kkonsidrata fil-fil-ħsieb kollettiv bħala mument kostituttuiv u allura kostituzzjonali tal-identita' Maltija għandu jwassal ukoll mhux biss għall-bidliet fil-kostituzzjonai fl-oqsma soċjali bħal libertajiet ċivili u definizzjonijiet ġodda imma ukoll għall-bidliet politiċi.

L-Unjoni Ewropeja hija mibnija fuq il-politika tal-Kunses mhux biss fuq libertajiet ċivili. Jekk vera is-sħubija ta' Malta kien mument kostituttiv mela dan irid joħroġ ukoll fil-Kostituzzjoni fir-regolazzjoni tax-xena politika nazzjonali.Għaldaqstant umilment nesponi 2 setturi politiċi nazzjonali li jistgħu jibbilanċjaw dan il-fenomenu.

## 2.1 Kostituzzjoni Politika jew Legali: il-bżonn ta' sistema mħallta

Teżisti differenza netta bejn żewġ tipi ta' Kostituzzjonijiet dik Politika u dik Legali. Kostituzzjoni politika tħares len il-parlament bħala l-unika leġislatur li jista' jibdel jew jemenda l-kostituzzjoni[i], eżempju ta' dan huwa l-Kostituzzjoni ta' Malta. Kostituzzjoni Legali bħalma hi dik tal-Istati Uniti tagħti l-Qorti Kostituzzjonali s-setgħa li mhux biss tinterpreta u tħares imma ukoll temenda u tbiddel il-Kostituzzjoni. Kostituzzjoni Politika hija flessibbli waqt li dik Legali għandha status ta' sagralita' ċivili[ii]. Umilment nesponi l-idea li l-Kostituzzjoni iddaħħal l-idea ta' sistema mħallta bejn dik Politika u Legali li tkun adattata għall-kuntest ta' pajjiżna.

Il-Parlament u l-Qorti Kostituzzjonali <u>flimkien</u> ikollhom is-setgħa li jemendaw il-Kostizzjoni. Mod ta' kif dan jista' jsir huwa jew li jkun hemm setturi partikulari tal-kostituzzjoni afdati lill-parlament u l-Qorti Kostituzzjonali. Eżempju emenda ta' definizzjoni kostituzzjonali tiġi afdata lill-Qorti Kostituzzjonali u emendi oħrajn aktar kurrenti jitħallew għall-Parlament. Sistema oħra tista' tkun li l-Qorti Kostitiuzzjonali tiġi afdata li tiċċekkja l-emendi kostituzzjonali li jsiru mill-Parlament. Sistema mista ta' dan it-tip tiggarantixxi bilanċ bejn flessibilita' *Short tem* u Orjentament Kostituzzjonali *Long term.* Biż-żewġ sistemi jgħinu lil xulxin biex jinstab bilanċ bejn il-bżonn ta' bidla li jinħass kull tant żmien u l-legalita' neċessarji biex tingħata stabbilita'.

Tajjeb li niftakru f'dak li qal l-imħallef u studjuż tal-liġi Giovanni Bonello li l-Qorti Kostituzzjonali ta' Malta hija l-unika Qorti Kostituzzjonali li ċediet il-funzjoni tagħha li tiggarantixxi l-Kostituzzjoni u d-drittijiet tal-bniedem lill-politiċi.[iii] Jidher għalhekk li s-sistema preżenti li għandna f'Malta mhux qed tħalli l-effett mixtieq.

F'dan l-ambitu għandu jiġi studjat il-bżonn li jiġi stabilit Senat (*Upper house of Parlament*) bl-għan li jiggarantixxi l-Kostituzzjoni u jibbilanċja l-poter tal-Parlament. Fost l-inkarigi tas-Senat jista' jkun hemm in-nomina tal-Attorney general u l-Ombudsman differenti.

## 2.2 Ir-rwol tar-reliġjon fil-Kostituzzjoni u r-relazzjoni mal-Istat: Il-primat lil dak li jagħmel ġid lill-bniedem

Fil-formulazzjoni ta' Kostituzzjoni r-rwol tar-reliġjon irid jiġi mqabbel mal-mument kostitutiv tal-istess Kostituzzjoni. L-importanza jew le tar-reliġjon fil-kostituzzjoni trid tiġi . Insibu differenzi ċari f'ħafna pajjiżi minħabba dan il-fatt. Pajiiżi bħal Ċipru għandhom proviżjonijiet dettaljati waqt li oħrajn bħall-Awstralja, il-Gwatemala, il-Mali, Monaco għandhom biss ftit referenzi.[iv]

Fil-Kostituzzjoni ta' Malta huwa importanti li r-referenzi għar-reliġjon isiru bil-ħsieb li jirriflettu mhux biss il-mement soċjali preżenti jew futur jew inkella referenza għall-passat imma ir-rabta li tar-reliġjon mal-mument kostituzzjonali li jrid jiġi definit fil-Kostituzzjoni.

Eżempju ta' dan insibu li ħafna mill-istati li twieldu wara t-Tieni Gwerra Dinija jibbażaw ire-referenzi lejn ir-reliġjon u l-Istat mal-mument kostitutiv tagħhom, jiġifieri r-rejalta' tat-Tieni Gwerra Dinija stess u d-dikjarazzjoni Universali tad-drittijiet tal-Bniedem tan-Nazzjonijiet Uniti. Fil-Każ ta' Malta. Irid jiġi identifikat il-mument kostitutiv u wara jiġi studjat r-relazzjoni li għandu mar-reliġjon.

Ħafna Kostituzzjonijiet huma vagi ħafna fuq l-aspett tar-reliġjon. Sfortunatament dan iwassal biex wieħed jista' jinterpreta ċertu passaġġi tal-kostituzzjoni bħala li jagħtu importanza lil-liberta' reliġjuża mingħajr indħil tal-istat waqt li fl-istess ħin jistgħu jiġu interpretati bħala li jagħtu s-setgħa lill-istat li jirrestrinġi dawn il-libertajiet. Importanti li dan ma jseħħx fil-każ tal-kostituzzjoni Maltija biex jiġu evitati problemi fil-futur.

Il-maġġoranza tal-kostituzzjonijiet jippruvaw jagħtu ordni għar-relazzjoni bejn l-istat u r-reliġjon (mifhuma bħala reliġjon istituzzjonali bħal Knisja Kattolika, Knisja Anglikana, Komunita' Iżlamika eċċ...) billi jasserixxu primat ta' ordni. Dan pero' jwassal għall-kunflitt bejn iż-żewġ entitajiet. Eżempju ta' dan huwa Franza u sa ċertu punt l-Italja. Nipproponi li fil-Kostituzzjoni aktar minn primat ta' min jiġi l-ewwel (Pajjiż sekulari jew relġjuż) jiġi stabilit il-primat li l-ewwel li jiġi huwa dak li jagħmel tajjeb lill-bniedem. Definizzjoni bħal din tagħti lokk biex kemm l-istat kif ukoll l-entajiet reliġjużi jkollhom mira lejn xiex iħarsu mhux sempliċiment ordni ġerarkiku. L-emfasi jitqiegħed fuq il-bniedem mhux liema entita' hija l-aktar importanti. Nemmen li sistema bħal din tevita il-problemi li seħħew f'pajjiża oħra u testabilixxi *common denominator of action* għall-entitajiet reliġjużi u għall-istat.

## 3. Konklużjoni: Orjentament Kostituzzjonali

Il-professur tal-liġi Kostituzzjonali Neil Parpworth isostni li l-Kostituzzjonijiet kollha għandhom elementi awto biografiċi u allura huma min-natura tagħhom stess 'idjosinkratiċi'; uniċi u individwali. [v] Huwa propju ispirat minn dan il-ħsieb li nemmen li l-Kostituzzjoni ta' Malta għandha tħares bħala għan. Għandu jiġi identifika l-mument Kostituzzjonali u wara ssir eleborazzjoni tal-effetti ta' dan il-mument kostituzzjonali fuq il-Politika Nazzjonali u s-soċjeta' in ġenerali. Huwa dan il-proċess li jista' jwassal biex il-Kostituzzjoni ta' Malta tiġi msaħħa fl-aspetti kollha b'mod speċjali fl-istruttura tal-bilanċ tal-poter fir-relazzjoni ta' bejn il-Parlament u l-Qorti Kostituzzjonali li tant jinħass il-bżonn tiegħu.

---

[i] CAPONNETTO F., *Introduzione allo studio delle esperienze giuridiche. Parte prima: sistemi giuridici comparati*, 2015.

[ii] GREY T C., *The Constitution as a Scripture*, Stanford Law Review, 1984.

[iii] BONELLO G., *Misunderstanding the Constitution. How the Maltese Judiciary undermines human rights*, 2018, pg177-183.

Skont l-imħallef Giovanni Bonello il-Parlament jista' jgħaddi liġi li tikser il-Kostituzzjoni għal żewġ raġunijiet jew 1.għax tmur kontra d-drittijiet tal-bnidem jew 2.tmur kontra xi proviżjoni oħra tal-Kostituzzjoni.

[iv] NIEUWENHUIS A J., *State and religion, a multidimensional relationship: Some comparative law remarks*, in *International Journal of Constitutional Law*, Vol 10, January 2012, Pages 153–174

[v] PARPWORTH N., *Constitutional and Administrative Law, Core Text Series*, Oxford.